Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 46 / 2016

Il-Pulizija

vs

**Maged Nasrallah**

Illum, 30 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Maged Nasrallah, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 305000 (L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli inqastli taghti lil Angy Ibrahim Shenouda, is-somma ta' 450 Euro kull erba' gimghat, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu xahrejn prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta’ disa’ mitt euro (€900) fi zmien tlett xhur lil Angy Shoukry Ibrahim Shenouda ai termini tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9.

Rat ir-rikors tal-appellanti Maged Nasrallah minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fejn sabitu hati ta' l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, u minflok tilliberah mmn kull imputazzjoni, htija u plena; sussidjarjament, tvarja I-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal fatti speci tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-appellanti umilment jirrileva illi li kien hemm dizgwid biex huwa jkun jista' jara lill-uliedu tramite l-Agenzija Appogg fejn addirittura spicca ma jarax lill-uliedu. Illi jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghal hlas ta' manteniment izda biss li minhabba tnaqqis drastiku fl-introjtu tieghu. Huwa sab ruhu fl-impossibilita' li jonora l-obbligi tieghu li jhallas manteniment li huwa kemm xejn sostanzjali.

Illi fil-fatt minn meta kien inhareg originatjament id-digriet fejn gie ikkwantifikat il-manteniment pagabli mill-appellant l-ewwel sfaxxa bla xoghol u sussewgentement l-appellant marad b'dipressjoni u ghalhekk il-kapacita tieghu li jiggenera introjtu prattikament zvinta fix-xejn. Dan kollu maghdud flimkien wassal ghan-nuqqas ta' ottemperanza mal-obligi tieghu li jhallas il-manteniment u l-ebda raguni ohra.

Illi l-appellant ghadu sa llum pazjent gewwa l-isptar Monte Carmeli minhabba d-depressjoni li jbati minnha u ghaIhekk qieghed fl-impossibilita' li jahdem u ghalhekk li jhallas tali manteniment.

Illi jidher ukoll li tramite l-avukat tal-ghajnuna legali mqabbad sabiex jaghmel it-talbiet tieghu quddiem il-Qorti kompetenti ghal tali riduzzjoni ta' hlas ta' manteniment.

It-tieni aggravju ta' l-appellant, jirrigwardja dik illi hija l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, li fic-cirkostanzi qed tigi meqjusa bhala eccessiva kif ukoll sproporzjonata.

Minghajr pregudizzju ghal l-aggravju precedenti, bir-rispett kollu, jekk din l-Onorabbli Qorti jidrielha illi ghandha ssib htija, hija ghandha tkun ferm aktar klementi ma l-appellant, u dan specjalment fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kif ukoll peress illi din hija l-ewwel darba illi l-appellanti tressaq fuq morozita ta' hlas ta' manteniment, u ghalhekk m'hemmx l-addebitu tar-recidiva. Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat id-di££ikultajiet ekonomici serji li kellu jaffacja l-appellant tul dawn l-ahhar snin.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **WPC 41 E Cassar** fejn iddikjara li nhar is-7 ta' Ottubru 2015 ghall-habta ta' 11.47 a.m waqt l ikien xoghol gewwa l-ghassa tal-Hamrun Angy Shoukry Ibrahin Shenouda irraportat li zewgha Maged Nasrallah naqas li jghati l-manteniment ghax-xhur ta' Awwissu u Settembru 2015 u dan kull erba' gimghat.

Skond id-digriet 1818/14 datat 12 ta' Mejju, 2015 Maged Nasrallah gie ordnat ihallas manteniment lil Angy Shoukry Ibrahin Shenouda ghan nom ta' uliedha minuri s-somma ta' €450 kull erbgha gimghat u dan b'effett mis-16 ta' Dicembru, 2014.

Hija kellmet il-Magoud Nasrallah fejn dan stqarr li min naha tieghu ma jistax jaghti manteniment minhabba li hu ma jiflahx u ma jistax jahdem u kien ghalhekk li nhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Rat ic-certifikati medici esebiti fl-ati a fol. 14 et seq.

Rat li **Angy Shoukry Ibrahin Shenouda** kienet xehdet quddiem l-ewwel Qorti nhar l-25 ta' Jannar, 2016 pero' x-xhieda taghha ma gietx dattilografata u ghalhekk din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda taghha seduta stante nhar is-16 ta' Mejju 2019. Ix-xhud ikkonfermat li l-akkuzat huwa zewgha u li minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal li lkoll ghadhom minorenni. Tghid li skond digriet moghti mill-Qorti tal Familja zewgha l-akkuzat gie ordnat ihallasha is-somma ta' €450 kul erbgha gimgha rappresentanti manteniment ghall-uliedha u dan b'effett minn Dicembru 2014. Tghid li minn dak in'nhar 'l hawn zewgha qatt ma ta' manteniment.

Mistoqsija jekk zewgha jahdimx stqarret li kien jahdem ma Transport Malta pero' kien waqaf xi sitt xhur qabel ma telqet mid-dar. Illum tinsab fiproceduri ghas separazzjoni taghha minn mieghu. Tghid li lit-tfal qatt ma isaqsi dwarhom u fil-fatt lanqas biss jarhom . Taf li zewgha kien involut ukoll f'incident awtomobilistiku u spicca l-isptar u ghamel xi hames gimghat l-ITU. Tghid li waqt li kien l-isptar b'rispett ta' uliedha kienet tmur tarah. Tghid li zewgha jilmenta minn telf tal-vista illum. Ikkonfermat li fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2015 zewgha ma tahiex l-manteniment dovut .

L-imputat **Magoud Nasrallah** kkonferma li ghandu tlett itfal minuri mal-kwerelanti Angy Shoukry Ibrahin Shenouda u li jaf li gie ordnat ihallas mantenment lilha qua martu ghat-tfal minuri u dan fl-ammont ta' €450 kul erba' gimghat. Jghid li huwa waqaf jahdme f'Gunju 2014. Martu telqet mid-dar bit-tfal u minhabba f'hekk qabditu depression u peress li kien jahdem bhala xuffier tal-linja hass li l-passigiera li kien igorr

kienu fi perikolu meta kien isuqhom minhabba il-qada tieghu u kien ghalhekk li rea mix-xoghol. Illum ghandu depression u jinsab that kura medika.

Spjega li imbaghad fid-9 ta' mejju 2015 kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien il-Belt u spicca l-isptar u illum bhala risultat ghandu disabilita permanenti ta' 96% bhala telf mid-dawl ta' ghajnejgh. Jikkonferma li lil mara ma ghaddhielha l-ebda manteniment mid-data tad-digiret 'l hawn u anke qabel l-accident ma kienx jghatiha manteniment . Qal li illum pero' is-sitwazzjoni inbidlet u dan ghaliex kien hemm revoka fid-digriet tal Qorti tal Familja u ghadx ghandu l-obbligu li jhallas manteniment

Rat li l-partijiet rrimettu ruhhom ghall-atti tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti tal-kaz huma is-segwenti.

1.Illi l-akkuzat hu mizzewweg lill-kwerelanti Angy Shoukry Ibrahin Shenouda u minn dan iz-zwieg twieldu tlet itfal illum ilkoll minorenni.

2.Illi dawn it-tfal jinsabu f'idejn l-omm Angy Shoukry Ibrahin Shenouda u l-akkzuat gie ordnat ihallas manteniment fl-ammont ta' €450 kul erbgha gimghat lill-istess kwerealnti u dan b'effett minn Dicembru 2014.

3.Ili l-appellant jikkonferma li QATT ma hallas xi manteniment lil martu tul da nil-perijodu kollu li hi telqet mid-dar matrimonjali minkejja id-digriet tal-Qorti tal Familja esebit fl-atti a fol.7 et seq.

4.Ili l-appellant jinsab bla xoghol u ibati min xi mard tant li illum il-gurnata gie ezentat mill-obbligi li jhallas aktar manteniment skond ix-xhieda tieghu li ma gietx kontestata.

5. Illi sa illum il-mantniment dovut ghax xhur ta' Awwissu u Settembru 2015 ghadu dovut.

Illi l-appellant instab hati talli ma hallasx il-manteniment skond id digriet tal Qorti tal Familja ghax xhur ta' Awwissu u Settembru 2015 u kien ghalhekk li interpona dan l-appell.

Illi l-appellant stqarr fir-rikors tal-appell tieghu li huwa ma hallasx i-manteniment dovut ghaliex safa bla xoghol minhabba id-depressjoni li ghandu u ghalhekk qieghed fl-inkapacita' li jiggenera introjtu. Fit tieni lok isostni li l-piena imposta hija eccessiva fix-cirkostanzi.

L-artikolu 338(z) li tieghu l-appellant jassumi li nstab hati jghid testwalment hekk: 'meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma'. B'hekk l-elementi tar-reat in dizamina u li jridu jigu ppruvati mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi f'kawzi kriminali huma tlieta (3) u cioe':

1. Illi l-appellant huwa marbut b'kuntratt jew b'ordni tal-Qorti;

2. Illi l-appellant huwa ordnat li jhallas somma determinata bhala manteniment; u

3. Illi l-appellant naqas milli jaghti din is-somma fi zmien hmistax il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Raymond Cutajar</u>**'[1] l-elementi ta' din il-kontravenzjoni huma:-

"*ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova:*

[1] Deciza mill-Qorti tl-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Settembru, 1999

*1. Li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digreit bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva).*

*2. Li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma'.*

Illi ghalhekk l-prosekuzzjoi resqet lill-kwerelanti Angy Shoukry Ibrahin Shenouda tixhed u din esebiet id digriet moghti mill-Qorti tal-famlja gejn l-appellant gie ordnat ihallas manteniment lilha ghan nom ta' uliedha fl-ammont ta' €450 kul erbgha gimghat ( vide dok a fol 7) b'effett minn Dicembru 2014 u kkonfermat li nonnostante dan id-digriet zewgha l-appellant ma taha l-ebda manteniment mid-data ta' dan id-digriet 'l hawn. Ghalhekk kkonfermat li hija ma ariceviet l-ebda manteniment ghax xhur ta' Awwissu u Settembru 2015. Di piu da nil-fatt ma giex kontestat mill-appellant. pero' stqarr fid-difiza tieghu li huwa ma hallasx ghaliex ma ghandux mezzi finanzjajri ghaliex huwa disokkupat peress li huwa marid.

Gie diversi drabi ribadit mill-Qorti taghna illi l-fatt illi persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat ghaliex sfat bla xoghol mhijiex raguni sabiex dak li jkun jonqos mill-obbligi tieghu illi jipprovdi l-manteniment lil martu u lil uliedu.

Kif gie ritenut fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Anthony Saliba</u>**[2] :-

*" ........jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahx mill-obbligi taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu hu illi kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utili li l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. "*

---

[2] Deciza mill-Qorti tl-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) nhar il 15 ta' ' Lulju 1998

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti tal-Familja, li ordna l-hlas ta' manteniment, din il-qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma' tali digriet jew sentenza tkun xi tkun ir-raguni jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Qorti tal- Familja, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet l- **Pulizija vs Lawrence Mifsud**[3] :-

*" fil-kamp kriminali biex tirrizulta htija ta' natura kontrovenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi ppruvat il-fatt tal-ordni tal- Qorti kompetenti li tordna l-hlas ta' manteniment ....... u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-perjodu imsemmi fil-komparixxi u trattandosi ta' reat kontrovenzjonali li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f'certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il- Qorti ghandha deskrizzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda, ammorizjoni jew riprenzjoni jew xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. "*

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata id-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt (**Repubblika vs David Vella** [4]).

Certament il-piena ta' xaghrejn prigunerija sospiza ghall snea ai termini tal-artikolu 28A tal kap 9 taqa` entro l-parametri tal-ligi. In vista' tal-fatt li l-fedina penali tieghu esebita fl-atti gja ghandha fuqha 'convictions' ta' din l-istess natura fejn ma mantnix lill-uliedu ikomplu isahhu it-twemmin ta' din il-Qorti ghaliex m'ghandhiex timmodifika il-piena inflitta.

---

[3] Deciza mill-Qorti tl-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Ottubru 2009
[4] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar l-14 ta' Gunju 1999

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz illi dik id-deskrizzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir rigward tal-htija kif ukoll fir-rigward tal piena inflitta . Qieghda tikkonfermaha ukoll fir rigward tal-Ordni moghtija li is-somma ta' €900 ghandhom jithalsu lil Angy Shoukry Ibrahin Shenouda b'dan ili tali hlas ghandujsir fi zmien sitt xhur mill-illum u mhux tlett xhur kif ordnat mill-ewwel Qorti u dan ai termini tal-artikolu 28H tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur